



0087/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini

Victor Negrescu (S&D), Tomáš Zdechovský (PPE), Roberta Metsola (PPE), Michał Boni (PPE), Ivan Jakovčić (ALDE), Laura Ferrara (EFDD), Emilian Pavel (S&D), Nicola Caputo (S&D), Tibor Szanyi (S&D), Patricija Šulin (PPE)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar l-evalwazzjoni tal-impatt tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini¹

1. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) hija strument demokratiku tal-UE mfassal biex jikkumplementa d-demokrazija rappreżentattiva, li jgħin biex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-aġenda tal-UE, li jistimula dibattit pan-Ewropew u jżid il-leggitimità demokratika tal-UE.
2. Studji u ċifri reċenti wrew li l-ECI kellha suċċess limitat, peress li kieni biss 36 inizjattiva li ġew irreġistrati mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament li jistabbilixxiha, li minnhom tlieta biss setgħu jiġbru l-miljun firma meħtieġa, u l-ebda waħda mill-kwistjonijiet indirizzati fihom irriżultaw fi proposta leġislattiva. Waħda mill-inizjattivi wasslet biex il-leġiżlazzjoni tīgħi emedata, iżda mingħajr ma ntlaħaq l-għadd meħtieġ ta' firem.
3. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra inizjattivi:
 - (a) biex tīgħi evalwata l-ECI, filwaqt li jitqiesu l-problemi prattiċi, loġistiċi u legali involuti fil-proċess tal-ġbir u l-validazzjoni tal-firem, l-ispejjeż u l-benefiċċji marbuta mal-implementazzjoni tal-proċess, l-ostakli lingwistiċi u kulturali u azzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar l-eżistenza tal-ECI;
 - (b) biex tittejjeb l-ECI bħala strument li jgħin biex titfassal l-aġenda tal-UE u tittejjeb il-kwalità tad-dibattit dwar suġġetti ta' interess pubbliku;
 - (c) biex jiġu identifikati mekkaniżmi ġodda li permezz tagħhom iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jiġu involuti direttament fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.
4. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.